MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Numru. 807/2005

**Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Steve Vassallo**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Steve Vassallo ta' 31 sena, iben Anthony u Maryanne nee' Vella, imwieled Pieta' nhar il-21 ta' Marzu 1975 u residenti Block H, Flat 6, Triq il-Lellux, Santa Lucija u detentur tal-karta tal-identita' numru 162975(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F'Haz-Zabbar, matul il-perjodu ta' bejn il-11:00 ta' bil-lejl ta' nhar il-5 ta' Marzu 2003 u is-5 :45 ta' filghodu tas-6 ta'

Marzu 2003 ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' flus, ikkwalifikat bil-hin, mezz, kif ukoll bil-valur li ma jiskorrix l-elf lira Maltija, ghad-detriment ta' Alexander Buhagiar minn Haz-Zabbar, u/jew persuni ohra ;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il-valur ta' hames mitt lira Maltija imma kienet izjed minn hamsin lira Maltija saret ghad-detriment ta' Alexander Buhagiar minn Haz-Zabbar, u/jew persuni ohra.

Rrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hat b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 30 ta' Jannar 2006 (esebit a fol. 25 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2008 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda serq ta' ammont ta' Lm300 u hsara volontarja li saru fis-6 ta' Marzu 2003 mill-Kazin Nazzjonalista li jinsab fi Triq is-Santwarju, Haz-Zabbar liema serq kien ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur u sar ghad-detriment ta' Alexander Buhagiar. Dwar din is-serqa saret Inkjesta Magisterjali u l-Process Verbal relattiv jinsab inserit a fol. 18 tal-process. Mill-provi jirrizulta li xi

zmien wara li saret din is-serqa l-Pulizija inghatat informazzjoni kunfidenzjali li l-imputat odjern Steve Vassallo kien involut fl-imsemmija serqa u il-Magistrat Inkwirenti ghalhekk hatret bhala espert lil Joseph Mallia sabiex jeleva l-impronti digitali tal-imputat u jaghmel ezami komparattiv ma xi lifters li gew elevati minn fuq ix-xena tad-delitt mis-Scene of the Crime Officer PS 1336 Jesmond Micallef li wkoll kien gie nominat bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali. In-nomina tal-esperti mahtura fl-Inkjesta Magisterjali giet debitament konfermata minn din il-Qorti fil-proceduri odjerni. Mir-rapport tal-imsemmi PS 1336 esebit a fol. 30 tal-Process Verbal fil-fatt jirrizulta li huwa eleva is-segwenti lifters:-

**03 ARB 301 :** Lifter elevat minn fuq il-wicc tal-freezer.
**03 ARB 301a :** Ritratt li juri l-lifter relattiv fuq il-lok fejn instab, qabel ma gie elevat.
**03 ARB 301b :** Ritratt black & white tal-lifter relattiv riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku.
**03 ARB 302 :** Lifter elevat minn fuq il-bieba sgassata ta’ makna tal-loghob.
**03 ARB 302a :** Ritratt li juri l-lifter relattiv fuq il-lok fejn instab, qabel ma gie elevat.
**03 ARB 302b :** Ritratt black & white tal-lifter relattiv riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku.
**03 ARB 303 :** Lifter elevat minn fuq il-bieba sgassata ta’ makna tal-loghob.
**03 ARB 303a :** Ritratt li juri l-lifter relattiv fuq il-lok fejn instab, qabel ma gie elevat.
**03 ARB 303b :** Ritratt black & white tal-lifter relattiv riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku.
**03 ARB 304 :** Lifter elevat minn fuq il-bieb tas-sala tas-sular ta’ fuq.
**03 ARB 304a :** Ritratt li juri l-lifter relattiv fuq il-lok fejn instab, qabel ma gie elevat.
**03 ARB 304b :** Ritratt black & white tal-lifter relattiv riprodott gewwa l-Laboratorju Forensiku.

Mir-rapport tal-espert tal-impronti digitali Joseph Mallia (rapport relattiv inserit a fol. 52 et sequitur tal-Process Verbal) jirrizulta li wara li huwa eleva l-impronti digitali tal-imputat fil-prezenza tal-Ufficjal Investigattiv u tal-Magistrat

Inkwirenti u wara li ghamel ezami komparattiv bejn dawn l-impronti digitali u l-lifters li gew elevati mnn fuq ix-xena tad-delitt mis-Scene of the Crime Officer huwa seta' jikkonkludi bil-mod segwenti:-

"Illi wara li gew ezaminati, studjati u kkomparati id-dokumenti 03 ARB 301, 03 ARB 302, 03 ARB 303 u 03 ARB 304 *"lifters"* li jigbru fihom impronti digitali u d-dokumenti JM1 formola ta' l-impronti digitali u JM 2 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta' ***Stephen Vassallo*** li joqghod ***Block H, Flat numru 6, N/H 2, Santa Lucia*** numru tal-karta tal-identita' 162975(M), l-esponent jikkonkludi dan li gej:

a. Illi l-impronti li jidhru fuq il-*"lifters"* dokumenti 03 ARB 301, 03 ARB 302, u 03 ARB 304 huma nieqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghal komparazzjoni u identifikazzjoni u ghalhekk ma' jistghux jigu kkomparati mad-dokumenti JM 1 formola ta' l-impronti digitali u JM2 formola tal-marki tal-pali ta' l-idejn ta' ***Stephen Vassallo*** li joqghod ***Block H, Flat numru 6, N/H 2, Santa Lucia*** numru tal-karta tal-identita' ***162975(M).***

b. Illi l-impronti li jidhru fuq il-"lifter" dokument 03 ARB 303 gew ikkomparati u identifikati konkluzivament mal-marka tas-saba tan-nofs ta' l-id ix-xellugija ta' ***Stephen Vassallo*** li joqghod ***Block H, Flat numru 6, N/H 2, Santa Lucia*** numru tal-karta tal-identita' ***162975(M),*** document JM1."

Ikkunsidrat:

Illi fit-2 ta' Settembru 2005 l-imputat irrilaxxja stqarrija (esebta a fol. 22 u 23 tal-process) fejn cahad li kien involut fis-serqa in kwistjoni u stqarr li huwa qatt ma kien dahal fil-Kazin Nazzjonalista ta' Haz-Zabbar. Huwa inoltre ma kienx jaf jispjega kif instabu l-impronti digitali tieghu f'dan il-fond fejn huwa jghid li qatt ma dahal.

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, hin u valur kif ukol bir-reat ta' hsara involontarja. Illi dawn iz-zewg imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-imputat jirrizultaw pruvati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni ghaliex kif intqal fil-paragrafi precedenti mill-provi rrizulta li fuq ix-xena tad-delitt, u precizament fuq il-bieba ta' amusement machine li giet sgassata u li minnha ttiehdu xi flus, gie elevat lifter li qabel perfettament mal-impronti digitali tal-imputat. L-imputat meta rrilaxxja stqarrija qal li huwa qatt ma kien dahal fil-fond misruq u ghalhekk anki jekk si tratta ta' post pubbliku l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li kien l-imputat li dahal fil-fond in dizamina fid-data indikata u seraq il-flus mill-amusement machine u mit-telephone kif ukoll li kkaguna hsara fis-serratura tal-bieb, fit-telephone, fl-amusement machine u fil-magna tas-sigaretti.  L-imputat qieghed ghalhekk jinstab hati tal-ewwel u t -tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tat-tielet akkuza l-imputat jinsab akkuzat li sar recidiv u f'dan ir-rigward gew prezentati kopji ta' zewg sentenzi, wahda moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-21 ta' Mejju 1999 u l-ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Lulju 1998 (kopji relattivi inseriti a fol. 53 sa 59 tal-atti processwali) u rigward dawn is-sentenzi saret id-debita prova tal-identita'. Jirrizulta ghalhekk li l-imputat huwa wkoll recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati anki tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li mill-fedina penali tieghu jirrizulta li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja f'diversi okkazzjonijiet fejn gie kkundannat anki pieni karcerarji izda mill-provi rrizulta wkoll li l-imputat kellu problema serja mill-abbuz tad-droga u li llum il-gurnata huwa ttermina programm residenzjali kontra l-abbuz mid-droga u li huwa qieghed jahdem u jidher li ddecida li jibdel hajtu. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha taghti l-opportunita' lill-imputat ikompli fuq it-triq it-tajba li qabad

darba ghal dejjem u sejra ghalhekk tapplika il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 325 (1) (b), 49, 50, 289 u 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda taghmel Ordni ta' P*robation* li permezz tieghu tqieghed lill-hati taht is-sorveljanza tal-Ufficjal tal-P*robation* illi ghandu jigi assenjat skond il-ligi u dan ghall-perjodu ta' tlett (3) snin millum u taht is-segwenti kundizzjonijiet:-

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tlett (3) snin Steve Vassallo ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.
2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Steve Vassallo kull sitt (6) xhur bil-miktub.
3. Steve Vassallo ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.
4. Steve Vassallo ghandu jkompli jattendi ghal sessjonijiet mal-Caritas sabiex jigi assikurat li huwa jehles b'mod definittiv mid-dipendenza fuq id-droga.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull bon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

B'applikazzjoni tal-Artkolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' sitt mija, sebgha u erbghin ewro u tmenin ewro centezmi (€647.80) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
(bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

**ORDNI TA' PROBATION**
*(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat: DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum: 28 ta' Mejju 2010**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo)**

**vs**

**Steve Vassallo**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, Steve Vassallo gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' *Probation*;

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' tlett (3) snin, ikun jista jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qieghed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Ghalhekk **tordna** li l-hati Steve Vassallo ta' 31 sena, iben Anthony u Mary nee' Vella, imwieled Pieta' nhar il-21 ta' Marzu 1975 u residenti Block H, Flat 6, Triq il-Lellux, Santa Lucija u detentur tal-karta tal-identita' numru 162975(M) ikun ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perijodu ta' probation ta' tlett (3) snin Steve Vassallo ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.
2. L-ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandu jirraporta bil-progress ta' Steve Vassallo kull sitt (6) xhur bil-miktub.
3. Steve Vassallo ghandu javza immedjatament lill-ufficjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.
4. Steve Vassallo ghandu jkompli jattendi ghal sessjonijiet mal-Caritas sabiex jigi assikurat li huwa jehles b'mod definittiv mid-dipendenza fuq id-droga.

**Steve Vassallo**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------